MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1547/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizz ta'l-Ilma f'isimha propju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Joanne Muscat**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat f'l-20 ta' Lulju 2005 li permezz tieghu l-Korporazzjoni attrici tablet hlas tas-somma ta' mitejn u hmistax il-lira Maltija u tnejn u tletin centezmu (Lm215.32) rapprezentanti konsum u kera ta' meters ta'l-ilma u ta'l-elettriku fil-fond 61 Triq Doni Rabat, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta'l-ittra ufficjali datata 1 ta' Ottubru 2004.

Ra n-nota tal-Korporazzjoni attrici prezentata waqt l-udjenza mizmuma fis-6 ta' Marzu 2006 li permezz taghha l-istess korporazzjoni attrici rriduciet it-talba taghha ghall-ammont ta' mija erbgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u tmenien centezmu (Lm124.82) stante pagamenti fil-mori tal-kawza.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-korporazzjoni attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet notifikat b'l-avviz fit-8 ta' Awissu 2005, naqset li tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' mija erbgha u ghoxrin lira Maltija u tnejn u tmenien centezmu (Lm124.82) b'l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------